**MALTA**
**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 251/2020VG**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru 1628/20 fl-ismijiet:**

**Favell Wines and Spirits Ltd. (C37473)**

**Vs**

**Joseph Ayling**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Joseph Ayling fis-16 ta' Diċembru 2020 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti: (i) tħassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1628/20 fl-ismijiet "Favell Wines and Spirits Ltd. v. Joseph Ayling" ai termini ta' l-Artikolu 836 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-ammont mitlub ma huwiex *prima facie* ġustifikat u kif ukoll stante li fiċ-ċirkostanzi ma huwiex raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ dan il-mandat; (ii) tordna lil Favell Wines and Spirits Ltd. sabiex, fi żmien stabbilit mill-Qorti, tagħti garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali u ta' danni u imgħax skond l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li dan l-artikolu jibni fuq l-Artikolu 829 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u fejn ir-Rikorrent (Joseph Ayling) qed ibati l-konsegwenzi ta' dan il-Mandat;

Rat li b'Digriet datat 17 ta' Diċembru 2020 il-Qorti ordnat in-notifika lis-soċjetà Favell Wines and Spirits Ltd. bi żmien sebat (7) ijiem għar-risposta u appuntat ir-Rikors għall-provi kollha u trattazzjoni għad-29 ta' Diċembru 2020 fil-11:00a.m.;

Rat illi s-soċjetà Favell Wines and Spirits Ltd. ġiet notifikata bir-Rikors u bl-Avviż tas-Smigħ fl-24 ta' Diċembru 2020 iżda ma ppreżentatx Risposta għar-Rikors ta' Joseph Ayling u lanqas ma dehret għas-seduta ffissata għad-29 ta' Diċembru 2020;

Rat illi r-Rikorrent Joseph Ayling ukoll ma deherx għas-seduta tad-29 ta' Diċembru 2020;

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1628/20 fl-ismijiet "Favell Wines and Spirits Ltd. v. Joseph Ayling" u rat l-atti ta' l-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ismijiet "Favell Wines and Spirits Ltd. v. Joseph Ayling" bin-Numru 2665/20 datata 17 ta' Novembru 2020;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

Bir-Rikors ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2020 Joseph Ayling (hawn iktar 'l quddiem imsejjaħ ir-Rikorrent) jitlob li l-Qorti: (i) tħassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1628/20 fl-ismijiet "Favell Wines and Spirits Ltd. v. Joseph Ayling" ai termini ta' l-Artikolu 836 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-ammont mitlub ma huwiex *prima facie* ġustifikat u kif ukoll stante li fiċ-ċirkostanzi ma huwiex raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ dan il-mandat; (ii) tordna lil Favell Wines and Spirits Ltd. sabiex, fi żmien stabbilit mill-Qorti, tagħti garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali u ta' danni u imgħax skond l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li dan l-artikolu jibni fuq l-Artikolu 829 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u fejn huwa qed ibati l-konsegwenzi ta' dan il-Mandat.

Għalkemm ir-Rikorrent ma jindikax b'mod ċar ai termini ta' liema subparagrafu/subparagrafi ta' l-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta qed iressaq it-talba tiegħu għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1628/20 (l-ewwel talba avvanzata bir-Rikors in eżami), mir-Rikors promotur jirriżulta li din it-talba hija imsejsa fuq l-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin: … (d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew … (f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

Is-subartikoli (3) u (4) ta' l-Artikolu 836 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu li: *ir-rikors, ħlief għal xi rikors skond is-subartikolu (1)(a), għandu jiġi notifikat lill-parti kontra li tista', fi żmien sebat ijiem min-notifika, tippreżenta nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu t-talba li tkun trid tippreżenta; Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors b'urġenża jew in camera jew wara s-smigħ ta' l-avukati tal-partijiet, jekk jidhrilha xieraq, iżda ma tiġix iffissata iktar minn seduta waħda għal dan il-għan.*

Hekk kif provdut fl-Artikolu 836(4) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, b'Digriet datat 17 ta' Diċembru 2020, ordnat in-notifika lis-soċjetà Favell Wines and Spirits Ltd. (iktar 'l quddiem imsejħa s-soċjetà Intimata) u appuntat ir-Rikors għall-provi kollha u trattazzjoni għad-29 ta' Diċembru 2020 fil-11:00a.m. Għalkemm is-soċjetà Intimata ġiet notifikata kemm bir-Rikors kif ukoll bl-Avviż tas-Smigħ fl-24 ta' Diċembru 2020, hija la ppreżentat Risposta u lanqas dehret għas-seduta ffissata fid-29 ta' Diċembru 2020.

Lanqas ir-Rikorrent ma deher għal tali seduta u dana minkejja l-fatt li r-Rikors minnu ppreżentat huwa min-natura tiegħu stess urġenti u hu *qua* promotur tal-proċedura għandu l-obbligu li jsegwi l-andament tal-proċeduri minnu hekk istitwiti u b'hekk jidher għas-smigħ iffissat, anke jekk mhux uffiċjalment notifikat bl-Avviż tas-Smigħ.

Dwar in-notifika ta' l-Avviż tas-Smigħ, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li mill-folder relattiv għan-notifika, liema notifika ssir minn u a spejjeż tar-Rikorrent, jirriżulta li ngħata biss indirizz wieħed fejn kellha ssir in-notifika, ossia l-indirizz tas-soċjetà Intimata. B'hekk ladarba kien l-istess Rikorrent - jew ir-rappreżentanti legali tiegħu - li għal raġunijiet li jaf/jafu hu/huma biss, għażel/għażlu li jipproċedu bin-notifika formali tas-soċjetà Intimata biss, ir-Rikorrent iktar u iktar kellu jaċċerta ruħu li dakinhar tas-smigħ iffissat mill-Qorti jkun preżenti biex jiġġustifika u jsostni t-talbiet tiegħu; ħaġa li però ma għamilx.

Peress illi ai termini ta' l-Artikolu 836(4) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tista' tiffissa seduta **waħda biss** għas-smigħ tar-Rikors, fiċ-ċirkostanzi kif svolġew din il-Qorti ma għandhiex triq oħra għajr li tgħaddi biex tiddegreta r-Rikors ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2020. Għalkemm is-soċjetà Intimata baqgħet ma ppreżentatx Risposta għat-talbiet tar-Rikorrent u għalkemm ir-Rikorrent ma deherx għas-seduta ffissata, il-Qorti ma tistax b'mod awtomatiku tgħaddi biex tilqa' u/jew tiċħad, skond il-każ, it-talbiet tar-Rikorrent, iżda għandha tara jekk jissussistux l-elementi meħtieġa fis-subparagrafi (d) u (f) ta' l-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, biex appuntu t-talbiet avvanzati bir-Rikors in eżami jistħoqqx li jiġu milqugħa.

Il-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1628/20 inħareġ mis-soċjetà Intimata għall-kawtela tas-somma ta' €4,852.54 rappreżentanti l-valur ta' fatturi li r-Rikorrent naqas li jgħaddilha l-flus tagħhom. L-imsemmija soċjetà ddeduċiet il-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tar-Rikorrent permezz ta' Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ppreżentata fis-17 ta' Novembru 2020, liema ittra ġiet kontestata mir-Rikorrent permezz ta' Risposta ppreżentata fit-30 ta' Novembru 2020.

Għall-fini li jsostni t-talbiet tiegħu għar-revoka tal-Mandat ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u għall-għoti ta' garanzija da parte tas-soċjetà Intimata ai termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-Rikors ir-Rikorrent afferma li huwa kien impjegat mas-soċjetà Intimata bħala *delivery person* li kien imur bix-xogħol tas-soċjetà għand il-klijenti tagħha u jiġbor il-ħlasijiet relattivi u jiffirma għall-istess fuq il-fatturi relattivi. Wara li kien jiġbor il-flus huwa kien jgħaddi kollox lis-segretarja tas-soċjetà Intimata li kienet tara li dak minnu lilha mgħoddi kien jaqbel mal-fatturi li kien jiffirma għalihom hu. Jikkontendi wkoll li *wieħed seta' jinduna mill-ewwel jekk xi flejjes ma jkunux waslu għand il-kumpannija Favell Wines and Spirits Ltd. dik il-ġurnata stess jew l-iktar l-għada għaliex kienet terġa' ssir dak li insejħulu end of days fejn wieħed jara illi l-ammont kollu illi kellu jinġabar mill-kumpannija Favell Wines and Spirits inġabar. Illi nel frattemp f'Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) l-esponenti ma baqax jaħdem ma' Favell Wines and Spirits Ltd. u meta l-esponenti informa lil Favell Wines and Spirits Ltd. ma ssemmewx l-ammont ta' erbat elef u sitt mija u tmienja u sittin Ewro*

*u erbgħa u sebgħin ċenteżmu tal-Ewro (€4,668.74) u b'dana illi bl-ispejjeż dan l-ammont issa sar għal erbat elef u tmien mija u tnejn u ħamsin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (€4,852.54) illi għandu jagħti l-esponenti lill-imsemmi Favell Wines and Spirits Ltd. Illi fil-fatt, l-invoices ippreżentati huma datati ħamsa u għoxrin t'Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (25/10/2019), sbatax ta' Diċembru elfejn u dsatax (17/12/2019) u tlieta u għoxrin ta' Diċembru elfejn u dsatax (23/12/2019) u b'dana illi dawn l-invoices kollha huma datati sa' mill-inqas xahar qabel Joseph Ayling irriżenja minn mal-kumpannija Favell Wines and Spirits Ltd. Illi in oltre, l-esponenti u Favell Wines and Spirits Ltd. daħlu fi ftehim illi l-esponenti għandu jħallas somma ta' flus lil Favell Wines and Spirits Ltd. datat tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar elfejn u għoxrin (2020) u f'liema ftehim qatt ma sar aċċenn għal dawn l-invoices hawnhekk imsemmija u/jew għall-ammont ta' erbat elef u tmien mija u tnejn u ħamsin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (€4,852.54) u illi b'dana illi li kieku dan l-ammont ta' erbat elef u tmien mija u tnejn u ħamsin Ewro u erbgħa u ħasmin ċenteżmu tal-Ewro (€4852.54) huwa verament dovut mill-esponenti lil Favell Wines and Spirits Ltd, dan l-ammont kien ikun inkluż fil-ftehim datat tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar elfejn u għoxrin (2020) peress illi l-invoices huma kollha datati qabel dan l-imsemmi ftehim*[1].

Huwa evidenti li r-Rikorrent qed jikkontesta l-mertu tal-pretensjoni tas-soċjetà Intimata kif minnha kawtelata fil-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1628/20, tant illi fir-Rikors jikkontendi ulterjorment illi *jidher biċ-ċar illi t-talba ta' Favell Wines and Spirits Ltd (C37473) hi intempestiva, irrita, frivola u mhux ġusta fit-totalità tagħha. Illi in oltre l-esponenti anke rrespinġa t-talba ta' Favell Wines and Spirits Ltd. (C37473) f'dan ir-rispett billi anke daħħal nota fl-atti ta' l-Ittra Uffiċjali Nru. 2665/2020. Illi b'dan l-aġir ta' Favell Wines and Spirits Ltd. (C37473) u għaldaqstant bil-ħruġ ta' dan il-mandat, l-esponenti qed ibati l-konsegwenzi.*

F'materja ta' revoka ta' mandati kawtelatorji ai termini ta' l-Artikolu 836 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa ormai assodat illi *mid-disposizzjoni ta' l-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja*[2]*. Il-bilanċ li l-Qorti trid tilħaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra tagħha ssir il-pretensjoni, jrid jiġi meqjus fid-dawl li l-Mandat Kawtelatorju huwa, min-natura tiegħu, protezzjoni bikrija maħsuba mill-Liġi sakemm il-kwistjoni tiġi mistħarrġa kif imiss fil-mertu*[3]*. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni u, fit-tieni lok jekk walistx biex 'tillikwida' tali pretensjoni f'somma li taqbel ma' l-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi imxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares*

---

[1] Rikors promotur, fol. 1 u 2 tal-proċess.
[2] Joseph Camilleri et v. Anthony Govè et, Digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju 2001.
[3] Theresa Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart, Digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Lulju 2005.

*l-interess tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti*[4].

Fil-kuntest imbagħad iktar speċifiku tar-raġunijiet proprja in bażi għal liema tintalab ir-revoka ta' Mandat Kawtelatorju, fil-każ in eżami senjatament r-raġunijiet mogħtija fis-subparagrafi (d) u (f) l-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, huma prinċipji assodati illi:

**Artikolu 836(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta** - revoka tal-Mandat Kawtelatorju mitluba għaliex l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv - huwa prinċipju assodat in materja li *biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed 'eċċessiv', irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li l-ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa ta' għajn, jidher xieraq, ma jwassalx ta' bilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis ta' l-ammont sekwestrat*[5]*. Ma hemmx għalfejn li jiġi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun biżżejjed li min qed jitlob il-ħruġ tal-mandat jikkonferma bil-ġurament li hu kreditur ta' l-intimati. Dawn il-proċeduri mhux intiżi biex iservu ta' reviżjoni għar-rigward ta' l-ordni tal-ħruġ tal-mandat. Dawn il-proċeduri jsiru sabiex jiġi stabbilit jekk jeżistux l-estremi li trid il-liġi, skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 836 tal-Kap.12, sabiex il-mandat jiġi revokat in parte jew in toto. Għalhekk mhux neċessarjament jiġu prodotti dokumenti sabiex jikkonfermaw il-kreditu. In oltre, l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta' preġudizzzju lir-rikorrent mhux raġuni valida għala l-mandat għandu jiġi revokat*[6].

A tenur ta' l-Artikoli 848 u 849 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, kontestwalment mat-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1628/20 fil-konfront tar-Rikorrent, is-soċjetà Intimata ddeduċiet il-pretensjoni tagħha fil-konfront tiegħu permezz ta' Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 2665/20. L-ammont kawtelat bil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju, ossia s-somma ta' €4,852.54 indikata bħala sorte u dedotta bħala kawżali - *invocies li s-sekwestrat naqas milli jrodd lura l-flus tagħhom (Dok. A, Dok. B u Dok. C)* [annessi mal-Mandat] taqbel mal-pretensjoni dedotta mis-soċjetà Intimata fl-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema pretensjoni hija bbażata, skond l-imsemmija soċjetà, fuq is-segwenti fatti: *illi l-intimat kien impjegat mas-soċjetà mittenti permezz ta' kuntratt ta' impjieg hawn anness u mmarkat Dok. A, u in oltre l-istess mittenti ħalla l-impjieg tiegħu; illi nstab li kien hemm numru ta' invoices illi l-intimat ma kienx radd il-flus tagħhom fil-perijodu ta' l-impjieg tiegħu (hawn annessi u mmarkati Dok. B, C u D) u dawn fl-ammont ta' erbat elef tmien mija tnejn u ħamsin ewro u erba' u ħamsin ċenteżmu (Eur 4,852.54).*

---

[4] Vincent Mercieca v. George Galea, Digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Novembru 2001.
[5] Salvino Farrugia noe v. Exalco Holdings Ltd, Digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Diċembru 1999.
[6] Taormina Holdings Ltd. v. Biochemicals Internationall Ltd., Digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru 2003.

Minn dan jirriżulta għalhekk li s-soċjetà Intimata għandha *prima facie* pretensjoni ta' dritt fil-konfront tar-Rikorrent. Jirriżulta wkoll li bil-preżentata ta' l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 2665/20, is-soċjetà Intimata llikwidat il-pretensjoni tagħha fil-konfront tar-Rikorrent. B'hekk ma jistax jingħad li l-ammont kawtelat bil-Mandat Kawtelatoru in kwistjoni ma huwiex *prima facie* ġustifikat. Għalkemm ir-Rikorrent jikkontendi li dan l-ammont mhux dovut minħabba l-kontenut u dak miftiehem fl-iskrittura privata ffirmata mas-soċjetà Intimata datata 23 ta' Jannar 2020, tali pretensjoni tirrikjedi evalwazzjoni taċ-ċirkostanzi li wasslu għall-iffirmar ta' dak il-ftehim u anke analiżi u possibilment interpretazzjoni ta' l-istess ftehim, kwistjonijiet dawn li ma jistgħux u ma għandhomx jiġu kkunsidrati minn din il-Qorti fil-kuntest tal-proċeduri odjerni.

Għad illi jirriżulta li s-soċjetà Intimata għandha *prima facie* pretensjoni ġustifikata fil-konfront tar-Rikorrent, meta l-fatturi formanti l-mertu ta' l-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 2665/20 u tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1628/20 jiġu konteġġjati flimkien jirriżulta li l-ammont komplessiv tagħhom huwa ta' €4,668.74 u mhux €4,852.54. Id-differenza fil-valur pretiż u kawtelat u fil-valur komplessiv tal-fatturi in kwistjoni ma hija bl-ebda mod spjegata jew ġustifikata mis-soċjetà Intimata u għalkemm ir-Rikorrent fir-Rikors jikkontendi li dawn huma spejjeż, minn imkien ma jirriżulta li huwa hekk.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk jirriżulta li l-ammont kawtelat bil-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1628/20 huwa fil-fatt eċċessiv iżda din il-konklużjoni ma għandhiex twassal, u fil-fatt ma twassalx, ghar-revoka *in toto* tal-Mandat kawtelatorju in kwistjoni iżda twassal għat-tnaqqis tas-sorte kawtelata b'dak il-Mandat minn €4,852.54 ghal €4,668.74.

Ghaldaqstant filwaqt li s-sorte kawtelata bil-Mandat ta' Skewestru bin-Numru 1628/20 ghandha iva tiġi ridotta stante li l-ammont kawtelat huwa eċċessiv, ċertament ma huwiex il-każ li l-istess imsemmi Mandat jiġi revokat *in toto* kif mitlub mir-Rikorrent.

**Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta** – revoka tal-Mandat Kawtelatorju mitluba għaliex fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhumiex aktar meħtieġa jew ġustifikabbli - huwa prinċipju ġuridiku assodat li ġ*ie kostantement ritenut mill-qrati tagħna illi l-interpretazzjoni korretta ta' l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 teħtieġ illi jintwera li tkun tbiddlet xi ċirkostanza wara l-ħruġ tal-Mandat li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa fis-seħħ in toto jew in parti. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ. Sabiex issir din l-analiżi wieħed irid jistabilixxi jekk mid-data tal-ħruġ tal-Mandant għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-Mandat. Issa, il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju huma li l-perunsa li titlob il-ħruġ tal-Mandat: (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (c) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mill-liġi dwar il-ħruġ tiegħu; u (d) li*

*tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabilità tal-persuna li tkun talbitu"*[7].

Fil-każ in eżami ma jirriżultax li mid-data tal-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1628/20 sad-data tal-preżentata tar-Rikors in eżami kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi li jrredu mhux raġonevoli li l-Mandat imsemmi jibqa' fis-seħħ jew ma għadux iktar meħtieġ jew ġustifikabbli. Għaldaqstant it-talba tar-Rikorrent għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1628/20 in bażi għall-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jisħoqqx li tiġi milqugħa.

Ir-Rikorrent jitlob ukoll li s-soċjetà Intimata tiġi ordnata sabiex, fi żmien stabbilit mill-Qorti, tagħti garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali u ta' danni u imgħax skond l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li dan l-artikolu jibni fuq l-Artikolu 829 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u fejn huwa qed ibati l-konsegwenzi ta' dan il-Mandat.

L-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *l-Qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' l-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta b'mod ċar li biex il-Qorti tgħaddi biex timponi fuq il-persuna li talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' Mandat Kawtelatorju fil-konfront ta' persuna oħra garanzija entro t-termini u għall-iskopijiet hemm prefissi, trid tkun sodisfatta, għaliex hekk jiġi ppruvat minn min jitlob l-imposizzjoni ta' tali garanzija, li hemm kawża ġusta għall-imposizzjoni ta' l-istess.

Fil-każ in eżami r-Rikorrent ma ressaq l-ebda prova sodisfaċenti li tissussiti kawża ġusta għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tas-soċjetà Intimata. Għalkemm fir-Rikors promotur iddikjara li huwa qed ibati l-konsegwenzi tal-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1628/20 fil-konfront tiegħu, ma ressaq assolutament l-ebda prova ta' dawn il-konsegwenzi x'inhuma.

Mal-preżentata ta' l-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 2665/20 fil-konfront tar-Rikorrent, is-soċjetà Intimata għaddiet biex tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tiegħu bil-ħruġ ta' Mandat Kawtelatorju(ossia l-Mandat mertu ta' dawn il-proċeduri). Fil-fehma tal-Qorti, fuq bażi *prima facie* jidher li fl-eżerċizzju ta' tali dritt s-soċjetà Rikorrenti aġixxiet skond il-Liġi. In effetti l-Artikolu 829 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *kull persuna tista', mingħjar ma hu meħteiġ li qabel ikun hemm deċiżjoni, tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha bil-mezz ta' wieħed jew iżjed mill-atti kawtelatorji hawn taħt imsemmija, illi, wara li jiġu mħarsa minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid dan il-Kodiċi, jiġu maħruġa u esegwiti taħt ir-responsabbiltà tagħha* u l-Artikolu

[7] Roberto Carlos Calleja v. Gerard Dominic Borg Mizzi, Digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Frar 2020.

833A(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *meta tiġi preżentata u konfermata bil-ġurament ittra uffiċjali skond l-artikolu 166A, jistgħu minnufih wara jiġu preżentati u konfermati bil-ġurament il-mandati kawtelatorji msemmijin fl-Artikolu 830(1)(a)m(b) u (d)* (dan ta' l-aħħar huwa appuntu l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju).

Kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-Digriet fl-ismijiet **Paul Caruana v. Rudolphe Gaerty**, Rik. Nru. 331/01 datat 4 ta' Ottubru 2002, *il-fatt 'per se' li jkun ġie ottjenut il-ħruġ ta' att kawtelatorju ma jagħmilix awtomatika li talba bħal din* (ossia talba ai termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta) *għandha tiġi akkolta. Lanqas ma jista' jingħad li l-istess fatt 'per se' huwa 'kawża ġusta' skond kif trid il-liġi. Skond il-liġi min qed jagħmel talba bhal din in eżami għandu jipprova li hemm kawża ġusta.* Kif osservat, dejjem mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fid-Digriet fl-ismijiet **Nazzareno sive Leonard Caruana v. Jasper Developments Limited, Rik. Nru. 1249/07** datat 29 ta' Mejju 2007, *il-fatt li persuna tallega li sofriet danni minħabba l-mandat ma jikkwalifikax bħala 'raġuni ġusta' għall-finijiet ta' l-Artikolu 838A ... u fil-fatt irid ikun hemm raġunijiet oħra, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni naxxenti mill-ħtija indikata fl-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti tirribadixxi li r-Rikorrent bl-ebda mod ma pprova li hemm kawża ġusta in bażi għal liema dak provdut fl-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jiġi applikat fil-każ in eżami. Għaldaqstant it-tieni talba tar-Rikorrent in kwantu bbażata fuq l-imsemmi Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt tiċħad it-talba tar-Rikorrent għar-revoka *in toto* tal-Mandat ta' Skewestru bin-Numru 1628/20 fl-ismijiet "Favell Wines and Spirits Ltd. v. Joseph Ayling", tordna li s-sorte kawtelata bl-isemmi Mandat tiġi ridotta għal **€4,668.74**, u tiċħad it-talba tar-Rikorrent għall-imposizzjoni ta' garanzija fuq is-soċjetà Intimata ai termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Mogħti llum 11 ta' Jannar 2021**

**MAĠISTRAT**